

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9163/21

ESPACE 60
RECH 271
COMPET 427
MI 396
IND 146
ENV 375
EU-GNSS 28
TRANS 333
TELECOM 226
ENER 238
EMPL 262
CSDP/PSDC 282
CFSP/PESC 520

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 28 ta' Mejju 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8956/21

Suġġett: Spazju Ġdid għall-Persuni
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-28/05/2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni",
adottati mill-Kunsill fit-3697 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni"**II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FILWAQT LI JFAKKAR**

- Fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi kompetenza tal-UE fil-qasam tal-Ispazju¹;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" tat-30 ta' Mejju 2017, li jħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-atturi rilevanti biex jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet spazjali, opportunitajiet ta' negozju, attivitajiet ta' komunikazzjoni kif ukoll il-kapaċità industrijali, inkluż għal kumpaniji u inizjattivi "Spazju Ġdid", SMEs, negozji ġodda u negozji li qed jespandu;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ispazju bħala faċilitatur" tat-28 ta' Mejju 2019, ikkonfermati fid-disa' Kunsill ta-Ispazju, li jirrikonoxxu t-trasformazzjoni profonda li x-xena spazjali għaddejja minnha, qed jimmatura u jissawwar minn atturi ġodda, bħal nazzjonijiet ġodda b'attivitajiet spazjali u b'mod partikolari minn atturi privati ġodda;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Soluzzjonijiet Spazjali għal Artiku sostenibbli" tad-29 ta' Novembru 2019 li jirrikonoxxu l-opportunitajiet ipprovduti mill-Ispazju Ġdid biex jitrawwem il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet spazjali għall-ħtiġijiet tal-Artiku, fost l-oħrajn;

¹ B'mod partikolari l-Artikoli 4(3) u 189.

- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għal Ewropa sostenibbli" tal-4 ta' Ġunju 2020, li jirrikonoxxu l-emerġenza tal-hekk imsejjaħ "Spazju Ġdid" u jistiednu lill-Kummissjoni tiżviluppa analiżi fil-fond tax-xena attwali u perspettivi futuri dwar l-Ispazju Ġdid Ewropew u l-kontribut tiegħu għall-ekonomija Ewropea, tespandi l-kapaċitajiet eżistenti tas-suq, tappoġġa l-SMEs u n-negozji ġodda u tinkludi l-emerġenza ta' atturi ġodda u żviluppi ġodda;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali" tal-11 ta' Novembru 2020, ikkonfermati fl-għaxar Kunsill tal-Ispazju, filwaqt li enfasizzaw l-importanza ta' strateġija ta' innovazzjoni għall-Ispazju Ġdid b'enfasi fuq aktar kummerċjalizzazzjoni, kompetittività u effiċjenza u objettivi komuni Ewropej fil-perspettiva ta' terminu medju u twil;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva" tas-16 ta' Novembru 2020, li jenfasizzaw li l-UE għandha ssegwi politika industrijali Ewropea ambizzjuża u assertiva biex toħloq ambjent kummerċjali sostenibbli, attraenti u kompetittiv biex jiġi sfruttat il-potenzjal għoli ta' effetti konsegwenzjali mill-kooperazzjoni madwar l-UE, li tinkludi l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi u ż-żieda tar-reżiljenza fl-aktar ekosistemi industrijali sensittivi u oqsma speċifiċi bħall-ispazju;

I Kuntest u dinamika tas-Settur Spazjali Ewropew

- 1) IQIS li s-settur spazjali għaddej minn trasformazzjoni u espansjoni rapidi fuq skala globali minħabba tfixkil fit-teknoloġija, modi ġodda ta' sfruttament tal-kapaċitajiet eżistenti, kummerċjalizzazzjoni, demokratizzazzjoni tal-ispazju, u li l-ispazju qed jitfaċċa bħala settur profittabbli, li fih jinħolqu mudelli ta' negozju ġodda fost kumpaniji ta' daqsijiet differenti;
- 2) ISIQ id-dinamika reċenti lejn konverġenza tas-swieq istituzzjonali u privati, inkluż ir-rwol dejjem jikber tal-industrija. Dan jirriżulta fil-ftuħ tas-settur spazjali għal utenti u atturi ġodda, li jistgħu jipprovdu prodotti spazjali innovattivi u aktar affordabbli u servizzi bbażati fl-ispazju, u jippermetti wkoll interess akbar għall-ispazju minn pajjiżi li qabel ma kinux involuti f'attivitajiet spazjali;
- 3) JAGĦRAF li s-settur spazjali qed joħloq u jesplora swieq ġodda fl-Ewropa u madwar id-dinja, li ġejjin minn żviluppi teknoloġiċi ġodda u approċċi tas-suq iffukati fuq it-tnaqqis tal-ispejjeż, u aktar flessibbiltà u aġilità, filwaqt li jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-osservazzjonijiet u l-kwalità u s-sigurtà tat-teknoloġiji tal-art u s-sistemi spazjali. Dawn id-dinamiċi jitrawmu permezz ta' innovazzjoni spin-in, fertilizzazzjoni trasversali akbar ta' setturi mhux spazjali għal teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali, u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u servizzi ġodda li jiggwadanjaw mill-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji diġitali u l-integrazzjoni ta' sistemi tal-ipproċessar tad-data mid-data miftuħa ta' Copernicus, fost komponenti oħra;
- 4) JENFASIZZA l-importanza tat-teknoloġija, id-data u l-applikazzjonijiet spazjali biex jinstabu soluzzjonijiet għat-tranżizzjoni klimatika u l-iżviluppi lejn il-kisba tal-miri stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi, flimkien mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-evoluzzjoni lejn perspettiva olistika tal-pjaneta tagħna biex nifhmu aħjar u napprezzaw il-kumplessità u n-natura sistemika tagħha kif ukoll l-interkonnessjoni tal-ambjent mal-benessri, is-saħħa u s-sistema soċjoekonomika tagħna;

II Approċċ Ewropew tal-Ispazju Ġdid

- 5) JIRRIKONNOXXI li trasformazzjonijiet rapidi u persistenti jitolbu approċċ Ewropew tal-Ispazju Ġdid; JENFASIZZA l-potenzjal tal-Ispazju Ġdid fil-kontribut għall-oġettivi ġenerali tal-Unjoni Ewropea, inkluż għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għat-tisħiħ tar-reżiljenza Ewropea. L-Ispazju Ġdid jikkontribwixxi wkoll għal oqsma oħra ta' politika pubblika u jħalli impatt fuq is-soċjetà u l-ekonomija Ewropea, filwaqt li jwieġeb għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini;
- 6) JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa għal fehim komuni dwar l-Ispazju Ġdid b'kont meħud tal-kuntest, il-kultura u l-istrutturi Ewropej. Approċċ Ewropew għall-Ispazju Ġdid għandu jkopri l-katina tal-valur kollha tal-ispazju, li tinkludi segmenti upstream, tan-nofs u downstream, b'perspettiva ġdida ta' innovazzjoni u negozju u b'kundizzjonijiet qafas li jiffavorixxu l-emerġenza ta' atturi Ewropej ġodda u l-bini u l-interkonnessjoni tal-ekosistemi spazjali madwar l-Ewropa, billi jitnaqqsu l-ostakli regolatorji u għad-dħul fis-suq, jinfetħu l-ktajjen tal-valur, jinbidlu l-approċċi tal-akkwist u jiżdiedu l-investimenti privati;
- 7) JIRRIKONNOXXI l-kapaċità innovattiva tas-settur privat xprunata dejjem aktar mill-investimenti privati, u l-valur li jista' jgħib għall-iżvilupp tas-settur spazjali Ewropew;
- 8) JENFASIZZA li l-ekosistemi Ewropej, nazzjonali u reġjonali huma fil-qalba tal-Ispazju Ġdid fl-Ewropa; JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa għal approċċ koerenti għas-segment downstream, li jsaħħaħ il-ftuħ għal atturi spazjali ġodda, jiġifieri l-SMEs, il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, in-negozji li qed jespandu u n-negozji ġodda, kemm fl-istadji bikrija kif ukoll f'dawk ta' tkabbir, flimkien mal-promozzjoni tal-intraprenditorija relatata mal-ispazju u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u miżuri ta' appoġġ, inkluż opportunitajiet ta' finanzjament biex jitrawmu l-ekosistemi spazjali madwar l-Ewropa;

- 9) JISSOTTOLINJA r-rwol tar-riċerka fundamentali u applikata, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għall-Ispazju Ġdid li jikkomplementa l-ispazju tradizzjonali, inkluż il-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali (IA) u teknoloġiji tal-kwantum, bil-kombinazzjoni ta' teknoloġiji differenti, li jiffavorixxu t-tnaqqis tal-ispejjeż f'sistemi spazjali ġodda permezz tal-minjaturizzazzjoni u l-versatilità ogħla tal-pjattaformi spazjali, għal data, informazzjoni u servizzi spazjali ta' kwalità ogħla, kosteffikaċi u siguri; u JENFASIZZA r-rwol ta' teknoloġiji ġodda u approċċi ta' disinn, inkluż għall-esplorazzjoni tal-ispazju u l-użu tar-riżorsi spazjali, u għall-użu mill-ġdid tal-pjattaformi spazjali;
- 10) JENFASIZZA l-importanza li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi għall-aċċess għall-ispazju minn atturi tal-Ispazju Ġdid, jekk meħtieġ, permezz ta' infrastrutturi tal-art adattati u komplementari;
- 11) JENFASIZZA r-rwol tal-UE u tal-Istati Membri fil-kuntest internazzjonali u multilaterali u l-kontribut tal-Ispazju Ġdid fit-trawwim tad-diplomazija spazjali;
- 12) JENFASIZZA l-valur maħluq mill-Ispazju Ġdid għas-soċjetà, l-ekonomija u l-ambjent, u kif l-ispazju huwa faċilitatur għal benefiċċji ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, peress li jiddependu dejjem aktar fuq assi bbażati fl-ispazju għal applikazzjonijiet tat-telekomunikazzjoni, in-navigazzjoni u l-osservazzjoni tad-dinja (EO), u b'hekk ikollhom impatt fuq is-sostenibbiltà u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; u JENFASIZZA l-ħtieġa li jintużaw dejjem aktar applikazzjonijiet, servizzi u data spazjali f'kooperazzjoni mill-qrib mal-utenti finali, il-partijiet ikkonċernati u fl-industrija spazjali fl-Istati Membri kollha sabiex jinkisbu dawk il-benefiċċji ambjentali, soċjetali u ekonomiċi;

III Programmi u inizjattivi tal-UE u l-kontribut tagħhom għat-tisħiħ tal-Ispazju Ġdid

- 13) JENFASIZZA li l-komponenti attwali tal-programm spazjali Copernicus, EGNOS u Galileo jikkontribwixxu għall-Ispazju Ġdid u jibbenefikaw minnu, f'termini tal-adozzjoni mis-suq ta' data u sinjali bbażati fl-ispazju kif ukoll informazzjoni għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet, prodotti u servizzi ġodda; JINNOTA l-potenzjal ta' GOVSATCOM f'dan ir-rigward;
- 14) JAGĦRAF l-opportunitajiet li jgħibu magħhom is-servizzi operazzjonali fl-oqsma tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni Spazjali, fl-appoġġ ta' attivitajiet spazjali sikuri, siguri u sostenibbli u l-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali Ewropea, bl-aġġornament u l-iżviluppi ulterjuri tas-sistema ta' sensuri, katalogu ta' oġġetti u servizzi spazjali, attwalment ipprovduti permezz tal-EU-SST; JENFASIZZA l-importanza li jiġi żviluppat approċċ ta' mmaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju (STM) għall-Ewropa fil-futur u jiġu żviluppati standards globali ta' gwida;
- 15) JENFASIZZA l-importanza tal-akkwist tradizzjonali u innovattiv fil-programmi tal-UE, b'aktar ftuħ u trasparenza fil-politika u l-proċeduri, tul il-ktajjen tal-provvista, li jiffavorixxu l-involviment ta' negozji ġodda, negozji li qed jespandu, SMEs oħra u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja;
- 16) IFAKKAR fl-iżvilupp tal-politika spazjali Ewropea u fl-importanza li jinstabu komplementarjetajiet u approċċ strutturat għall-iżvilupp ta' sinerġiji bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-EUSPA, l-ESA, entitajiet inkarigati oħra u partijiet interessati abbażi tal-għarfien espert, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom, biex jintlaħaq bl-aħjar mod l-oġettiv tal-Programm Spazjali tal-UE fil-qasam tal-Ispazju Ġdid;

- 17) JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi aktar sinerġiji u komplementarjetajiet tal-programm Spazjali tal-UE ma' programmi oħra tal-UE, jiġifieri r-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali (DEP), il-Fond Ewropew għad-Difiża, InvestEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni Ewropej, biex jiġi sfruttat l-investiment fis-settur spazjali, inkluż l-ekosistema tal-Ispazju Ġdid, tiġi massimizzata l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi pubbliċi, titqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet ipprovduti minn dawn il-programmi lil atturi tal-Ispazju Ġdid, u jitrawwem settur spazjali Ewropew kompetittiv u innovattiv;
- 18) ITENNI li huwa essenzjali li jitkompla l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet avvanzati, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u t-taħriġ biex jinħolqu l-kompetenzi meħtieġa madwar l-Ewropa, inkluż b'aktar appoġġ għal pajjiżi b'kapaċitajiet spazjali emerġenti, u t-trawwim tad-diversità fis-settur, kif ukoll iż-żieda fl-interess taż-żgħażaġh biex jistudjaw ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika;

IV Lejn settur spazjali tal-Unjoni innovattiv, reżiljenti u kompetittiv biex jiġu realizzati l-opportunitajiet tal-Ispazju Ġdid

- 19) JISSOTTOLINJA li l-kombinazzjoni ta' approċċi orjentati lejn il-provvista u dawk immexxija mid-domanda hija kruċjali għat-trawwim tal-fertilizzazzjoni reċiproka ta' teknoloġiji, servizzi u applikazzjonijiet spazjali u mhux spazjali permezz ta' politiki u setturi differenti, kemm pubbliċi kif ukoll privati, biex jiġi promoss il-ħolqien tal-valur u l-adozzjoni mis-suq għal diġitalizzazzjoni sigura u soluzzjonijiet ambjentalment sostenibbli, permezz ta' approċċ iċċentrat fuq l-utent;

- 20) JIRRIKONOXXI l-importanza tal-kompetittività Ewropea fil-kuntest tal-Ispazju Ġdid u l-ħtieġa li jitrawwem l-investiment privat u li jissaħħu l-approċċi bbażati fuq is-suq għat-tisħiħ tal-iżviluppaturi, il-fornituri u l-fornituri tas-servizzi tat-teknoloġija bbażati fl-Ewropa u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi u fixkiela u kapaċitajiet industrijali; JENFASIZZA l-importanza li tinkiseb reżiljenza fil-ktajjen tal-valur spazjali strateġiċi Ewropej, permezz ta' regolamenti tekniċi, standards, akkwist pubbliku u strumenti ta' finanzjament;
- 21) JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħu l-qawwiet Ewropej lejn settur spazjali aktar innovattiv, reżiljenti u kompetittiv f'oqsma bħall-komponenti kritiċi, il-konnettività sikura bbażata fl-ispazju, l-alleanzi industrijali fil-mikroelektronika u l-materja prima;
- 22) JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni, sabiex tappoġġa l-awtonomija strateġika fl-aċċess għall-ispazju, li tikkontribwixxi għall-isforzi biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali komuni għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' lanċjaturi, teknoloġiji ta' llanċjar u infrastrutturi, f'koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-ESA u l-industriji, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta' ekonomija miftuħa;
- 23) JENFASIZZA l-importanza ta' kundizzjonijiet abilitanti, li huma essenzjali biex titrawwem l-intraprenditorija u biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju, it-tkabbir ta' swieq ġodda u ekosistemi tal-innovazzjoni;
- 24) JISSOTTOLINJA li l-politika attwali dwar id-data tal-EO ħielsa u miftuħa kienet strumentali biex tixpruna domanda qawwija għal data u informazzjoni u hija għodda essenzjali li tikkontribwixxi għal ekosistema spazjali Ewropea effettiva, li tippermetti lis-suq jiżviluppa applikazzjonijiet downstream għal għadd kbir ta' klijenti privati u istituzzjonali;

- 25) JIRRIKONOXXI l-opportunitajiet ġodda offruti mid-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' data b'riżoluzzjoni għolja biex titrawwem il-konverġenza tal-EO u tal-IA għal kapaċità aħjar ta' twassil ta' soluzzjonijiet lil utenti mhux tekniċi, li direttament tfisser benefiċċji għaċ-ċittadini Ewropej;
- 26) JISSOTTOLINJA r-rwol tal-ispazju u kif id-data u l-informazzjoni spazjali jistgħu jkunu faċilitaturi ta' politiki differenti tal-UE u jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-istrateġija Ewropea għad-data u l-inizjattivi tal-UE, bħall-Inizjattiva d-Destinazzjoni d-Dinja f'kooperazzjoni mal-ESA, l-ECMWF u l-EUMETSAT, l-ispazju komuni tad-data fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jew l-introduzzjoni tal-5G jew l-użu tal-Internet tal-Oġġetti;
- 27) JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza l-iżvilupp ta' kapaċità ta' konnettività sigura bbażata fl-ispazju li tikkumplementa n-networks eżistenti ta' konnettività terrestri u sottomarina;
- 28) JISSOTTOLINJA l-importanza taċ-ċibersigurtà għal sistemi u operazzjonijiet tal-Ispazju Ġdid fuq l-art u fl-ispazju; u JINNOTA l-potenzjal tas-suq globali għal soluzzjonijiet ta' ċibersigurtà, li jgħibu opportunitajiet lill-kumpaniji Ewropej, inkluż negozji ġodda, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja;
- 29) JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-ispazju mill-atturi spazjali kollha, inklużi l-atturi tal-Ispazju Ġdid, f'konformità mat-trattati u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u skont ir-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida tal-UNCOPUOS;

V Finanzjament u tkabbir tan-negozji spazjali tal-Ewropa

- 30) JENFASIZZA l-importanza tal-investment ta' kapital ta' riskju għall-ekosistema kollha tal-Ispazju Ġdid; u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi u strumenti ta' finanzjament pubbliku fil-livell nazzjonali u reġjonali bħala għodda għat-tnaqqis tar-riskji fl-investment u bħala mezz biex jiġi attirat l-investment privat, biex jiġu kkomplementati strumenti finanzjarji bħall-finanzjament tal-ekwità u tad-dejn għal negozji ġodda, negozji li qed jespandu fl-istadji bikrija u SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja oħra fl-istadji tat-tkabbir, bil-għan li jiżdied l-għadd ta' investituri privati fis-segmenti tas-swieq spazjali u l-ammonti ta' kapital privat investiti;
- 31) JILQA' l-inizjattiva CASSINI (Competitive Space Start-ups for INnovatIon), li għandha fil-mira tagħha fond ta' fondi spazjali tal-UE ta' EUR 1 biljun li jagħmel użu sħiħ mill-InvestEU biex jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament, u r-rwol tiegħu fl-espansjoni tal-għadd ta' negozji ġodda fl-UE, il-bini ta' negozji bbażati fuq teknoloġiji, servizzi u applikazzjonijiet spazjali innovattivi tal-UE u l-aċċellerazzjoni tat-tkabbir u l-espansjoni tagħhom;
- 32) JENFASIZZA l-importanza li l-awtoritajiet pubbliċi jiġu mħeġġa jużaw l-akkwist pubbliku u l-akkwist pre-kummerċjali ta' soluzzjonijiet innovattivi bħala mod kif tiġi ffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni u jingħata t-trazzjoni tas-suq lin-negozji ġodda, lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-industrija spazjali u s-servizzi diġitali bbażati fuq data spazjali;

VI Monitoraġġ u Evalwazzjoni

- 33) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippromwovi kejl regolari tal-impatt tas-settur spazjali fi ħdan l-ekonomija Ewropea, filwaqt li tqis il-ħidma eżistenti, b'enfasi speċjali fuq l-Ispazju Ġdid u tiżviluppa metodoloġija f'dak ir-rigward li turi kif l-Ispazju Ġdid jista' jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għall-ekonomija Ewropea, u biex taġġorna regolarment lill-Kunsill;

- 34) JENFASIZZA l-importanza li tiġi evalwata l-impronta ambjentali tat-teknoloġiji spazjali Ewropej f'approċċ ta' spiża globali (ekonomika, ambjentali, soċjali) bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-settur spazjali Ewropew;
- 35) JENFASIZZA li meta jitkejjel l-impatt tal-Ispazju Ġdid fl-ekonomija Ewropea, għandhom jitqiesu għadd ta' fatturi varjabbli, inkluż l-għadd ta' impjiegi maħluqa, l-esportazzjonijiet, il-livelli ta' investiment, il-bejgħ u d-dħul lejn stampa reali tax-xejriet u l-evoluzzjoni tal-Ispazju Ġdid fl-Ewropa, filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali u ambjentali u jintwera l-valur miżjud tal-ispazju u l-benefiċċji tiegħu għas-soċjetà u l-benesseri u r-reżiljenza taċ-ċittadini;

VII Azzjonijiet ta' prijetà

- 36) JAPPELLA lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, biex tipproponi strateġija ta' innovazzjoni għal-Ispazju Ġdid, li tinkludi l-katina tal-valur kollha u l-aċċess għall-finanzi, lejn settur spazjali tal-Unjoni innovattiv u kompetittiv;
- 37) JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-EUSPA biex irawmu, permezz ta' pjan ta' azzjoni, l-użu tas-servizzi spazjali billi jstimulaw l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet spazjali f'firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE u jżidu l-kompetittività tal-industrija spazjali downstream tal-UE, jiffaċilitaw ir-raggruppament tal-applikazzjonijiet spazjali downstream u tal-utenti madwar l-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri b'kapaċitajiet spazjali emerġenti, u jikkunsidraw l-iżvilupp ta' normi u standards, fejn xieraq.